MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2003

Numru 1/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL BOND**

**VS**

**ANTHONY SIVE TWANNY GALEA**
**JOSEPH VELLA**

**Illum 14 ta' Mejju 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony sive Twanny Galea ta’ 38 sena, bin Benny u l-mejta Rose mitwielda Hal Qormi u joqghod 2, Barracks Street, Qormi, li ghandu numru tal-karta ta’ l-identita’ 443364 (M);

U kontra l-imputat Joseph Vella ta’ 33 sena, bin Simon u Julie mitwielda Debono, imwieled Hal Qormi, fit-23 ta’ Lulju 1969, u joqghod 87, St. George’s Street, Santa Venera, li ghandu numru tal-karta ta’ l-identita’ 451969 (M);

Talli fit-12 ta’ Dicembru 2001, ghall-habta ta’ bejn l-10.30pm u l-11.30pm, waqt li kienu fi Triq Valletta, Qormi, bil-hsieb li jikkommettu serq ta’ flixken tax-xorb, sigaretti, flus u oggetti ohra li l-valur taghhom jaccedi l-elf lira maltin (Lm1,000) minn gewwa l-hanut maghruf bhala “Honey Bear”, wrew dan il-hsieb b’attijiet esterjuri u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt, billi kienu bdew jillevaw ix-shutter tat-tieqa ta’ l-imsemmi hanut, liema delitt ma’ giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ taghhom, liema attentat ta’ serq hu aggravat bil-mezz, valur u hin ghad-dannu ta’ Simon Grech minn Hal Qormi.

Talli barra minn dan, ikkagunaw hsara volontarja fl-imsemmi shutter, liema hsara taccedi l-ghaxar liri maltin (Lm10) izda inqas minn hamsin lira maltin (Lm50) ghad-dannu ta’’l-istess Simon Grech.

U aktar talli Anthony sive Twanny Galea fl-imsemmija data, hin u lok kellu fil-pussess tieghu ghodod tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta’ serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu kienu jinsabu ghandu u dana wara li kien gie kkundannat ghal diversi delitti ta’ serq.

Talli wkoll Twanny Galea huwa recediv;

Wara illi rat l-Artikoli 41 (1)(a), 261 (a)(b)(c), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 276, 277, 330, 279(b), 325(a), 31, 20, 22, 23, 287 u 533 tal-Kodici Kriminali;

U wara illi rat l-Artikoli 289, 49, 50, 31 u 20 tal-Kodici Kriminali, fil-konfront ta' Anthony Galea biss;

Ikkonsidrat:

Illi wara li l-Qorti semghet is-segwenti xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' l-Ispettur Paul Bond, Joseph Azzopardi, PS 964 Robert Scicluna, Simon Grech, PS 222 John Mary Bonello, PC 1539 Michael Farrugia u PS 316 Francis Rogers;

Illi l-imputati ghazlu illi ma jixdhux u lanqas tellghu provi in difeza taghhom.

Illi l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni huma imponenti, u ma' jhallu ebda alternattiva ohra lill dina l-Qorti hlief li ssib reita' ta' l-imputati, ghall-akkuzi kollha migjubha kontra taghhom mill-Prosekuzzjoni.

Id-diskrepanzi indikati mill-abbli difiza, waqt illi jezistu fix-xhieda prodotta, ma' jistghu qatt ibiddlu r-responsabbilita' netta ta' l-istess imputati ghall-kommissjoni ta' dana r-reat jew almenu ta' dana l-attentat.

Ghaldaqstant, waqt illi dina l-Qorti qeghda ssib lill-imputati hatja, qeghda tikkundannahom – lill-imputat Anthony sive Twanny Galea ghal sentejn (2) rekwizzjoni, u l-imputat Joseph Vella ghal tmintax-il-xahar (18) rekwizzjoni, izda a tenur ta' l-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

qeghda tordna illi din is-sentenza ma’ tigix applikata, jekk fi zmien tlett snin (3) fil-konfront ta’ l-imputat Galea u fiz-zmien sentejn (2) fil-kaz ta’ Vella, huma ma’ jigux akkuzati li jinsabu hatja ta’ reat iehor li mieghu jgib piena ta’ prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------